Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B ►C1 **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/49**

tal-11 ta' Jannar 2018

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 501/2013 li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 990/2011 fuq importazzjonijiet ta' biċikletti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' biċikletti kkunsinjati fost l-oħrajn mit-Tuneżija, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw fost l-oħrajn mit-Tuneżija kif ukoll jekk le, wara rieżami ta' "esportatur ġdid" skont l-Artikolu 11(4) u 13(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ◄

(ĠU L 7, 12.1.2018, p. 31)

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 51, 23.2.2018, p. 23 (2018/49)

▼B

▼C1

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/49

tal-11 ta' Jannar 2018

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 501/2013 li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 990/2011 fuq importazzjonijiet ta' biċikletti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' biċikletti kkunsinjati fost l-oħrajn mit-Tuneżija, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw fost l-oħrajn mit-Tuneżija kif ukoll jekk le, wara rieżami ta' "esportatur ġdid" skont l-Artikolu 11(4) u 13(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

▼B

Artikolu 1

1. Fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 501/2013, dan li ġej għandu jiddaħħal fit-tabella taħt il-produtturi fit-Tuneżija:

Il-pajjiż	Il-kumpanija	Il-kodiċi TARIC addizzjonali
It-Tuneżija	Look Design System Route de Tunis Km6 - BP 18, 8020 Soliman, Tunisia	C206

2. L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati jwaqqfu r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li joriġinaw fit-Tuneżija prodott minn Look Design System SA mingħajr l-ebda impożizzjoni retroattiva tad-dazji ta' antidumping.

3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.